MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 924/2006/1

**Emanuel Bonello**

**vs**

**Joseph Cutajar**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta` Ottubru, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta` sitt mija u tnejn u sebghin lira (Lm672) rapprezentanti pagamenti ta` Lm12 fil-gimgha dovuta mill-1 ta` Settembru, 2005 sa l-ahhar ta` Settembru, 2006 a

tenur ta` skrittura privata datata 8 ta` Awissu, 1981 u mmarkata Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghax dekorribbli mid-data ta` kull skadenza kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut pprezentata fl-1 ta` Novembru, 2006 fejn ikkontesta t-talba hemm kontenuta in vista tal-fatt li kien l-istess attur li naqas li jonora l-obbligi tieghu fuq il-precitata skrittura privata u tali hlas ikun fil-fatt dovut biss fil-kaz li l-eccipjent ikun qed jopera kif lilu promess.

Ra l-provi prodotti kif ukoll id-dokument esebit.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fit-trattazzjoni tieghu, l-avukat difensur tal-konvenut jispjega l-eccezzjoni minnu sollevata fis-sens illi la darba ma ghadux jezisti d-dritt ta` esklussivita` minhabba tibdil fic-cirkostanzi legali attwali kwindi m`ghandu jsir ebda hlas ghal tali dritt diment li huwa ma hu ser jiggwadanja xejn in kontrakkambju.

L-attur min-naha l-ohra jikkontendi li d-dritt tieghu hawn pretiz jemani minn skrittura privata ffirmata miz-zewg nahat fejn gew pattwiti drittijiet u obbligi reciproci, liema skrittura ghadha fis-sehh u kwindi l-konvenut ma kellu ebda dritt li unilateralment jiddeciedi li ma jonorax stante li mhux applikabbli ghalih.

Illi fid-dawl ta` dawn l-argumenti mressqa miz-zewg nahat u kif ukoll mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta ampjament ippruvat, anzi kwazi ammess, il-fatt li l-konvenut tassew ma hallasx lill-attur l-ammont mitlub f`dina l-kawza u li tali ammont

> tassew jirrizulta pattwit fl-iskrittura li kienu ffirmaw bejniethom. Il-kontendenti t-tnejn jaqblu wkoll li apparti l-iskrittura in kwistjoni ma ffirmawx ohra anqas sabiex jitterminaw l-effetti ta` dak minnhom f`Dok A.
>
> Illi l-iskrittura privata Dok A titkellem dwar cessjoni ta` drittijiet u li l-korrispettiv relattiv kien tramite l-pagament settimanali ta` Lm12. Illi ghalhekk il-kwistjoni ta` monopolju jew esklussivita` ma tidholx direttament fil-meritu odjern. Naturalment dan ma jfissirx li l-konvenut mhux intitolat li jressaq l-azzjoni opportuna sabiex jitlob it-thassir tal-effetti tal-precitata skrittura pero` certament ma jistax minn jeddu jaqbad u jiddeciedi wahdu li ma jkomplix ihallas il-korrispettiv mwieghed ghal cessjoni gia` konkretizzata.
>
> Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, kwindi jakkolji t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta` sitt mija u tnejn u sebghin lira bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` kull skadenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.**”**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza biex jitlob ir-revoka taghha. Anke f’ dan l-istadju huwa jkompli jinsisti illi ebda hlas ma huwa dovut lill-attur, u dan ghab-bazi tas-sottomissjonijiet elaborati segwenti:-

(1) Il-ftehim ikkontemplat bl-iskrittura tat-8 ta’ Awissu 1981 kien wiehed ta’ distribuzzjoni esklussiva ta’ *soft drinks* f’ certi zoni specifici f’ Malta. Sehh zvilupp li permezz tieghu s-suq gie liberalizzat in forza tar-regoli ta’ l-Unjoni Ewropeja. Tali zvilupp gab b’ konsegwenza illi l-attur ma kienx aktar f’ qaghda li jaghti skond il-ligi l-prestazzjoni tieghu. U la ma setax jaghmel dan kellu jircievi applikazzjoni d-dispost ta’ l-Artikolu 117 tal-Kodici

tal-Kummerc u dak tal-principju *exceptio non rite adempleti contractus*. Dan aktar u aktar, skond l-appellanti, meta dik il-prestazzjoni ssir impossibbli minhabba tibdil fic-cirkostanzi u r-regolamenti tas-suq;

(2) Dejjem fl-ambitu ta' dan l-istess kuntest l-appellanti jirrikorri ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 (1) (b) u (c) u Artikolu 5 (2) tal-Kapitolu 379, ossija l-Att dwar il-Kompetizzjoni;

(3) F' kull kaz, it-Tribunal kien fid-dmir li ghall-fattispeci japplika b' aktar rigur id-dritt ekwitativ ghal liema jirreferi l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380;

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal kontroversja quddiem it-Tribunal kienu dawn. L-attur kien, skond ftehim li kellu ma' certu produttur tas-*soft drinks* (Portanier Brothers), id-distributur ewlieni f' certi lokalitajiet esklussivi f' Malta. Bi skrittura ta' ftehim tat-8 ta' Awissu 1981 huwa ghadda lill-konvenut parti minn dan l-arrangament versu l-hlas ta' korrispettiv. Fl-istess ftehim gie maqbul ukoll b' obbligu illi l-ebda kontraenti ma jintrometti ruhu fiz-zoni rispettivi li l-wiehed (l-attur) zamm ghandu u l-iehor (il-konvenut) irceva bic-cessjoni. Fl-2002 il-konvenut appellant iddecieda li ma jkomplix ihallas il-korrispettiv appattwit ghaliex fi kliem l-attur fuq dak li qallu l-konvenut "issa li spiccat il-kwestjoni tal-monopolju m' iniex intitolat li nhallsek" (ara deposizzjoni ta' l-attur a fol. 12). Kien biss fl-2006 illi l-attur rega' beda jippretendi li jircievi l-korrispettiv skond l-iskrittura;

Affermati dawn il-fatti, il-kweziti li jinsorgu mill-inkartament tal-kaz jistghu jigu hekk mod jew iehor delinejati:-

(1) Jekk b' dik l-iskrittura ta' ftehim kienx qed jinghata lill-konvenut l-esklussivita` tad-distribuzzjoni tas-*soft drinks* f' certi zoni;

(2) Jekk fl-istess ftehim huwiex ravvizat il-patt ta' non-konkorrenza ghall-istess generu ta' beni fiz-zoni partikulari rispettivi;

(3) Jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-ftehim attribwibbli lil xi wiehed mill-kontraenti;

(4) Jekk kienx hemm raguni ta' impossibilita` ghall-issoktar ta' l-attwazzjoni tal-ftehim kompriz f' dan, il-fatt ta' certa evoluzzjoni legislattiva li kienet tiddixxiplina dak l-istess kuntratt ta' ftehim *in* corso;

Ma jidherx fil-hsieb tal-Qorti illi dawn il-kweziti, u ohrajn li jistghu talvolta jitqajmu, ghandhom jigu kkunsidrati *singulatim* imma, pjuttost, ezaminati *tout ensemble* fil-parametri ta' l-imsemmija skrittura ta' ftehim u ta' dawk ic-cirkustanzi u riljievi insorgenti wara d-dhul *in essere* tieghu;

Huwa evidenti fuq il-bazi tal-materjal probatorju illi l-attur appellat kellu mill-produttur tas-*soft drinks* ftehim ta' distribuzzjoni esklussiva f' certi zoni partikolari f' Malta. Fil-hsieb tal-Qorti, dik l-esklussivita` kienet hekk mahsuba biex tillimita l-konkorrenza bejn il-partijiet ghal dak il-ftehim u, fuq kollox, li tittutela l-interessi ta' l-attur kontraent ghal dik li hi s-sikurezza u l-kontinwita ta' l-attivitajiet tieghu b' dik l-esklussiva. Meta allura l-attur iddispona minn parti minn din l-esklussivita ghaf-favur tal-konvenut kien aspettat illi dan ikollu dik l-istess sikurezza u kontinwita ta' distribuzzjoni fiz-zoni specifici u bla ebda ingerenza jew tfixkil. Naturalment, fil-kaz in ispecje, il-klawsola kontrattwali appattwita ta' esklussivita` u non-konkorrenza kienet wahda li kellha tigi rispettata b' mod reciproku. Dan fis-sens illi ebda wiehed minnhom ma seta' jinvadi t-territorju ta' l-iehor. Rigwardata minn din l-ottika l-Qorti ma tistax allura taqbel mal-fehma espressa mill-attur illi dik il-kondizzjoni kienet torbot lilu personalment "u mhux li ma jqassamx haddiehor". La huwa ta l-esklussiva lill-konvenut f' dawk iz-zoni, u dejjem riferibilment ghall-istess generu ta' beni li kien jiddistribwixxi hu, dak id-dritt kien jikkomporta anke ghalih id-divjet li jitratta ma' terzi ohrajn ghall-istess skop u attivita`. Wara kollox, skond il-hsieb konsiderat tal-Qorti, meta l-partijiet ftehmu b' dak il-mod, dik l-esklussivita` u non-konkorrenza kienet tikkostitwixxi wkoll element wisq naturali tal-kuntratt u, allura,

ghandhom jkunu ritenuti prezenti f' assenza ta' xi patt iehor kuntrarju. Kif, drabi ohra, insenjat, "huwa principju fundamentali f' materja ta' kuntratti illi dawn ghandhom jigu ezegwiti miz-zewg partijiet bil-bona fide necessarja u mhux permess li xi wahda mill-partijiet taghti lil xi kelma tal-kuntratt interpretazzjoni li tigi f' kontradizzjoni ma' l-iskop u l-ispirtu tal-kuntratt kollu" ("**Joseph Falzon -vs- Calcedonio Cuschieri**", Appell Kummercjali, 23 ta' Ottubru, 1936);

Ferma din l-introduzzjoni, hi d-difiza tal-konvenuti appellanti illi l-allegata inadempjenza tieghu tal-hlas tal-korrispettiv kienet ir-rizultat u l-effett tan-nuqqas ta' l-attur li jezegwixxi l-obbligazzjoni assunta minnu bil-ftehim, ossija li jkompli jiggarantixxi ghal dejjem l-esigwibilita` tal-ftehim. Fi kliem iehor, huwa jgib 'il quddiem l-eccezzjoni *non rite ademplendi contractus* u din, kif enuncjat, tista' tigi sollevata b' mod generali fil-kuntratti sinallagmatici kollha, u indipendentement mir-rizoluzzjoni tal-kuntratt" ("**Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Ottubru 1966), purke si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti, radikata fl-istess rapport ta' bejniethom. Tali kondizzjoni tirrikorri wkoll f' dan il-kaz;

Biex wiehed jissellef spunt mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, tat-12 ta' Marzu 1965, fl-ismijiet "**Emmanuele Aquilina -vs- Salvatore Aquilina *et***", certament l-obbligazzjoni assunta mill-attur appellat illi ma jiddistribwix *soft drinks* fiz-zoni minnu assenjati lill-konvenut skond il-ftehim kienet manifestament parti integrali tal-ftehim ghac-cessjoni tad-distribuzzjoni f' dawk iz-zoni u l-korrispettiv gie miftehim bhala prezz ta' l-obbligazzjoni kollha komplessa assunta mill-attur. Kif issokta jigi affermat f' din l-istess sentenza, "skond l-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili (illum Artikolu 1057) kull kondizzjoni ghandha tigi ezegwita kif il-partijiet aktarx riedu u ftehmu li ghandha tigi ezegwita u ma jidherx li jista' jkun hemm dubbju illi, fl-intenzjoni tal-partijiet fil-kaz prezenti, il-hlas kellu jsir purke in-negozju cedut, li mill-

qliegh tieghu kellu jsir dak il-hlas, seta' jigi gestit b' mod li seta' jirrealizza dak il-profitt minghajr il-konkorrenza da parti ta' l-appellanti (fil-kaz in ezami l-attur). Dan in-nuqqas ta' konkorrenza bilfors kien, flimkien mac-cessjoni, il-kontroprestazzjoni assunta mill-appellat. Iz-zewg affarijiet kienu jmorru flimkien u ma jistax l-appellanti (l-attur f' dan il-kaz) ixindi haga wahda mill-ohra";

Iddefinit li anke fil-kaz odjern kien jitratta minn obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontendenti, il-Qorti trid issa tghaddi biex tezamina jekk, fil-konkret, kienux jikkonkorru r-rekwiziti ta' l-eccezzjoni *de qua* li, kif ukoll ritenut, "hija bazata fuq il-prinicpju generali tad-dritt, fuq l-ekwita` u fuq l-istess disposizzjoni li tirrigwarda l-patt kommissorju tacitu" ("**Onor. Dr. Sir Ugo P. Mifsud *nomine* -vs- Guido Abela *nomine***", Appell Kummercjali, 28 ta' Ottubru, 1935);

Skond is-sentenza aktar 'il fuq citata "**Cremona -vs- Angilieri**" (**Kollez. Vol. L P II p 323**), "ir-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma li (1) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali mill-ftehim; (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (3) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenzi tal-partijiet". Huwa logiku li fil-kaz ta' dan it-tielet rekwizit wiehed irid jikkonduci gudizzju komparattiv fuq il-bazi tar-rapport kronologiku u tal-proporzjonalita` taz-zewg inadempjenzi. Logikament ukoll, f' dan l-istess ambitu valutattiv wiehed irid jiehu rigward kemm ghall-obbligazzjonijiet principali dedotti fil-kuntratt, kemm ghal dawk kollaterali ta' garanziji, kolloborazzjoni u protezzjoni derivanti mid-dover tal-korrettezza u tal-bwona fede. Strettament, fil-kaz prezenti, il-Qorti mhix koncernata tant minn dan ir-rekwizit daqskemm mill-indagini li tivverifika jekk l-inadempjenza allegata mill-appellanti, dejjem jekk tezisti, hijiex tabilhaqq attribwibbli lill-attur appellat;

Kif taraha din il-Qorti fuq il-bazi tar-rizultanzi istruttorji forsi aktar minn inadempjenza il-kwestjoni taggira fuq dik ta' l-

impossiblita` ta' l-attwazzjoni jew tal-kontinwazzjoni tal-ftehim. Fl-opinjoni tal-Qorti, ma jidherx li jista' jinghad li tezisti inadempjenza f' sens konkret, u jekk, bi sforz ta' l-immaginazzjoni din hi possibbli, ma tistax hlief titqies wahda non-kolpevoli derivanti minn dik l-istess sopravvenuta impossibilita` ghal liema, fil-verita`, l-ebda wiehed mill-partijiet ma jista' jitqies imputabbli;

Kif gja ntwera aktar 'il fuq, fl-ekonomija tal-kuntratt ta' ftehim il-prestazzjoni u l-kontro-prestazzjoni ghandhom jitqiesu elementi essenzjali u integrattivi tal-ftehim. Huwa veru li l-istess ftehim la jghid, u lanqas jeskludi, x' jigri f' kaz li jsehh event determinat li jaghmel imposibbli l-ezekuzzjoni kontinwata tieghu. Din l-impossibilita` tista' tkun jew fizika u materjali jew guridika, basta li tkun sopravvenuta u incidenti fuq il-validita` nnifisha tan-negozju obbligatorju. F' dan il-kaz l-appellanti jsostni li avverat impossibilita` ta' indoli guridika derivanti mil-limiti tal-ligi, ex-Kapitolu 379, li fl-Artikolu 5 tieghu jipprojbixxi akkordji li jillimitaw jew jikkontrollaw is-swieq [inciz 1 (b)] jew fit-tqassim tas-swieq jew sorsi ta' provvista [inciz 1 (c)]. Mhux hekk biss. Tali akkordji fejn jezistu jitqiesu *ipso jure* nulli u mhux esegwibbli (inciz 2);

Applikati ghal kaz taht konsiderazzjoni huwa indubitat illi l-liberalizzazzjoni tas-swieq u l-imposizzjoni tar-regoli attinenti, krejattivi tal-kompetizzjoni libera, ghandhom effett dirett fuq il-kontrattazzjoni bejn il-partijiet b' mod li giebu l-appellanti f' qaghda li dan ma setax ikompli jezercita l-attivita tieghu fiz-zoni ddestinati b' mod esklussiv bhal qabel, u l-appellat ma setax ikompli jggarantilu, ghall-fatt tan-normi imperattivi sopravvenuti, li hu jkompli jaghmel dan. Dan ghaliex dawn l-istess normi ta' dritt partikulari ma kienux issa jirrikonoxxu aktar dawk id-drittijiet privati ta' esklussivita` u ta' non-konkorrenza. U dan igib li l-istipulazzjoni tirrizolvi ruhha f' kondizzjoni mankata jew mhux aktar effettiva. Jikkonsegwi, illi meta ssehhu l-presupposti ta' din l-impossibilita` guridika, il-kuntratt jirrizolvi ruhu awtomatikament bl-operat tal-ligi. Mhux rilevanti jekk tali impossibilita` tolqotx il-wahda mill-

prestazzjonjiet jew it-tnejn in kwantu, kif rifless, ir-rizoluzzjoni topera ruhha *di diritto.* Objettivament, dan hu hekk *di fronte* ghal kull suggett ta' obbligazzjonijiet tan-natura hawn ikkunsidrata u mhux specifikament fil-konfront tal-kontendenti biss;

It-Tribunal ma setax f' dan il-kaz jinjora l-kontenut normattiv ta' dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi domestika estratti mill-fonti tal-ligi komunitarja u li jirreprimu l-abbuz ta' xi posizzjoni dominanti fis-suq bi skapitu ta' terzi. Jekk xejn anke minhabba l-prevalenza u s-superjorita` gerarkika tad-dritt komunitarju u dak ta' l-effetti tieghu in generali. Dan, apparti wkoll, illi anke minghajr dawk l-istess normi t-Tribunal kellu, u messu, fic-cirkustanzi specjali ta' dan il-kaz u tal-fattispeci singolari tieghu, jinqeda bl-ghodda tad-dritt ekwitattiv u li, kif inghad drabi ohra minn din l-istess Qorti f' bosta decizjonijiet taghha, hi strument siewi ta' gudizzju li, ghalkemm mhux miktub, joffri soluzzjoni xierqa ghal karatteristici specifici tal-fattispeci konkreti.

Ghal motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qed tiddeciedi billi tilqa' l-appell, u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Fic-cirkustanzi specjali u novelli ta' dan il-kaz huwa gust li l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------